MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2006

Avviz Numru. 606/2002

**Allied Insurance Agency Limited**

**Vs**

**Emanuel Aquilina f'ismu proprju**
**u f'isem is-socjeta' Sand and Gravel Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut pro et nomine jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' elf, tmien mija u hamsa u disghin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm1895.71) mill-konvenuti dovuti rappresentanti l-hlas dovut fuq poloz ta' assigurazzjoni mahruga mis-socjeta' attrici fuq inkarigu taghhom.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali mid-dati tal-hrug tal-fatturi sad-data tal-effettiv pagament.  Il-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut pro et nomine (fol 10 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

L-ammont mitlub mis-socjeta' attrici m'huwiex dovut stante illi s-socjeta' konvenuta ghandha tiehu somma ohra minghand l-istess socjeta' attrici, hekk kif mitlub fit-talba rikonvenzjonali pprezentata kontestwalment ma' din in-nota, u kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-<u>kontro talba</u> tal-istess konvenuta (fol 11 u fol 12 tal-atti) u li biha l-istess konvenuti fil-kwalita taghhom premess qalu testwalment:

"Prevja d-dikjarazzjoni tar-rikonvenzjonati Emanuel Aquilina u Sand & Gravel Limited illi permez tal-polza numru 16/00049 li nharget mis-socjeta' attrici fil-25 ta' Ottubru, 1999 (Dok EA.1), l-"Trade Contents" tas-socjeta' rikonvenzjonata, kif murija fuq l-iskeda annessa (Dok EA.2) kienu assigurati sa' l-ammont komplessiv ta' hmistax-il elf u disa' mitt Lira (Lm15,900.00), inkluz fosthom apparat ta' l-arja kondizzjonata ("Aircondioning Equipment");

Illi minhabba sajjetti waqt maltempata fl-2000, l-istess apparat ta' l-arja kondizzjonata garrab hsarat konsiderevoli, tant illi kellu jissewwa bi spiza ta' elf, mitejn u ghaxar Liri (Lm1,210.00) kif jidher fuq l-ircevuta annessa (Dok EA.3);

Illi s-socjeta' attrici rrikonoxxiet l-obbligazzjoni taghha li taghmel tajjeb ghad-danni in kwistjoni, tant illi baghtet ittra u *discharge form* lis-socjeta' rikonvenzjonata (Dok EA.4 u EA.5), fejn offriet biss is-somma ta' sitt mitt lira (Lm600.00), liema ammont ma kienx accettabli ghas-socjeta' rikonvenzjonata (Dok EA.6);

Illi inoltre id-danni fuq imsemmija, is-socjeta' attrici ghadha ma hallsitx ammonti ohra dovuti in linea ta' zewg claims

ohra maghmula mill-konvenut, u senjatament il-claims bin-numri CN 01036 u CN 01033, minghajr ma tat spjegazzjoni ta dan, u avolja debitament mitluba taghmel dan, skond kif jidher mill-korrispondenza skambjata bejn il-partijiet, annessa (Dok EA.7, EA.8, EA.9 u EA.10);

Il-konvenuti talbu lil din l-Onorabbli Qorti tikkudanna lis-socjeta' attrici thallas lill-konvenuti dik is-somma li tigi llikwidati okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi taht il-poloz ta' l-assikurazzjoni fuq imsemmija.

Ghall finijiet ta' gurisdizzjoni, jigi ddikjarat li s-somma da likwidarsi ma tissuperax is-somma ta' hamest elef Lira (Lm5,000.00).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta' attrici rikonvenzjonata li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess kontro talba (fol 13 sa fol 24 ibid).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ghall-istess kontro talba (fol 28 ibid) u li bih is-socjeta attrici rikonvenzjonata eccepiet bir-rispett:-

1. Preliminari ma jezistux c-cirkostanzi kontemplati fl-Artikolu 396 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex il-konvenuti rikonvenjenti jipprevalixxu ruhhom mill-azzjoni rikonvenzjonali, kif jirrizulta mill-istess korrispondenza esebita mill-konvenuti rikonvenjenti fid-dokument immarkat EA 9 u kif jista' jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Preliminarjament is-socjeta' attrici rikonvenuta m'hijiex il-legittimu kuntradittur, u dan a terminu tal-Artikolu 1866 tal-Kap. 16 u tal-Artikolu 400 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li s-socjeta' responsabbli ghal hlas ta' 'claims' li jirraprezentaw t-talbiet tal-konvenuti rikonvenjenti hija l-kumpanija MiddleSea Insurance plc, kif indikat fid-dokument esebit mill-konvenuti rikonvenjenti u mmarkat Dok EA1;
3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet tal-konvenuti rikonvenjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt

stante li dawn il-'claims' qatt ma gew issostanzjati bl-informazzjoni rikjesta mis-socjeta' attrici rikonvenuta;
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet it-trattazzjoni in rigward l-ewwel u t-tieni eccezzjoni sottomessi in konnessjoni tal-kontro talba maghmula mill-konvenuti.

Ikkunsidrat

Illi, kif risultanti mill-verbal tas-seduta tas-26 ta' Novembru 2003 (fol 33 tal-istess atti) din is-sentenza hi limitata ghall-eccezzjonijiet preliminari sottomessi mill-istess socjeta attrici vis-à-vis il-kontro talba proposta' mill-konvenut pro et nomine. Dwar dawn l-eccezzjonijiet jigi notat li l-unici prova mressqa huma dawk maghmula permezz ta' dokumenti annessi mal-istess kontro-talba, u li ghalihom di gja saret referenza 'supra'.

Ikkunsidrat

Illi in rigward l-ewwel eccezzjoni, in desamina is-socjeta' attrici rikonvenzjonata qed tghid illi '…ma jezistix ic-cirkostanzi kontemplati fl-artikolu 396 tal-Kodici tal-Procedura u din kif jirrisulta mill-korrispendenza esebita fid-dokument markat Dok EA9. Dwar dan il-punt, u b'referenza ghall-artikolu citat kif ukoll ghad-dokument li saret referenza ghalih, ghandu jinghad is-segwenti:-

a) sabiex kontro-talba tkun tista' tigi annessa ghandhom jigu sodisfatti l-elementi specifikati f'dan l-artikoli ossija:-

i) il-kontro talba trid tkun gejja mill-istess fatt jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnhom torigina t-talba attrici jew
ii) l-iskop tal-kontro talba hi t-tpacija tal-kreditu mitlub mill-attur jew le, b'kull mod iehor, jgib fix-xejn l-azzjoni tal-attur jew li jimpedixxi l-effetti tal-azzjoni ta' dan.

Dan l-artikolu jidher li ghandu jigi abbunat mal-artikolu 400 ibid fejn jinghad li l-konvenut ma jistax jipproponi kontro talba fi kwalita ohra minn dik li fiha jkun gie mharrek u

lanqas ma jista' jipproponiha kontra l-attur fi kwalita ohra minn dik li fiha dan ikun deher fit-talba originali.

Illi, mill-fatti in desamina specifikatament id-dokumenti esebiti mill-stess konvenut pro et nomine jidher li skond id-dokument markat Dok EA1 , is-socjeta assikuratrici li kontra taghha, l-konvenut pro et nomine jista' jipproponi l-kontro talba u dak pretiz fiha hi, filfatt, socjeta ohra ossija 'Middle Sea Insurance PLC" waqt li s-socjeta attrici odjerna agixxiet biss, bhala agent ta' din. Ghalhekk jidher li dak vantat mill-konvenut pro et nomine fl-istess kontro talba ma jistax jkun propost permezz ta' kontro talba in vista li, skond l-artikolu 1866 tal-Kodici Civili l-azzjoni relattiva ghandha tigi proposta direttament, kontra l-imsemmija socjeta assikuratrici 'qua' mandanti tas-socjeta' Allied Insurance Agency Limited".

Illi fid-dawl ta' dak espost it-tieni eccezzjoni in esami ghadha tigi akkolta u bhala konsegwenza din il-Qorti ghandha tichad il-kontro talba kif proposta.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti filwaqt li tilqa it-tieni eccezzjoni in esami tichad il-kontro talba kif proposta mill-konvenut pro et nomine u tordna li dan il-kaz jitkompla sabiex tigi deciza t-talba kif proposta fl-avviz in esami bl-ispejjes riservati.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------